# SILLABU TAR-RELIĠJON FORM 1

**Ktieb:** ***Lejn il-Ħajja - 1***

***Objettiv Ġenerali***

Is-sillabu tar-Religjon għall-ewwel sena ta' l-iskola sekondarja, filwaqt li jkompli jibni fuq il-bażi tar-Reliġjon li ffurmaw l-istudenti fil-klassijiet ta' l-iskola Primarja, jiċċentra fuq il-persuna ta' Ġesù Kristu. Nagħmlu użu mill-ktieb LEJN IL-ĦAJJA (ara referenza tal-paġni). *Norganizzaw ukoll irtiri / seminars ta' formazzjoni nisranija marbuta mas-sillabu*

## L-EWWEL TERM

| | | |
|---|---|---|
| Unit 1: | Nagħtu ħarsa lejn il-bidliet li nħossu fina, u l-esperjenzi ġodda li qed jgħaddu minnhom l-istudenti. Nifhmu l-importanza li nfittxu direzzjoni. | Paġni 1-16 |
| Unit 2: | Nagħtu ħarsa lejn il-karattru Nisrani tal-gżejjer tagħna. Kemm qed jgħinna personalment dan l-ambjent nisrani għall-għarfien personali tagħna ta' Ġesù Kristu. *Isir seminar (mhux obbligatorju) tal-bidu tas-sena skolastika fl-aħħar tmiem il-ġimgħa t'Ottubru.* | Paġni 17-30 |
| Unit 3: | Jingħata tagħrif dwar Il-Bibbja: min kitibha, meta, fejn, tqassim, Testment Antik u Testment Ġdid… Nistudjaw ftit il-Pajjiż li fih għex u wettaq il-missjoni tiegħu Ġesù Kristu. Kif kien imqassam il-pajjiż, il-gruppi differenti li kien hemm u l-festi li l-poplu kien jiċċelebra. Liema huma s-sorsi ewlenin li minnhom ksibna t-tagħrif u t-tagħlim dwar Kristu. | Paġni 31-54 |

## IT-TIENI TERM

| | | |
|---|---|---|
| Unit 4: | Ġesù Kristu bħala l-qofol ta' l-Istorja tas-Salvazzjoni. X'kien il-pjan li Alla ħejja għall-umanità? Il-Profeti – min kienu u x'kien ix-xogħol tagħhom. Nitkellmu dwar il-Profeta Elija li l-Kulleġġ hu msemmi għalih. B'hekk napprezzaw iżjed il-Kotba tat-Testment il-Qadim. | Paġni 55-82 |
| Unit 5: | Nibdew inqallbu l-paġni ta' l-Evanġelji u nsiru nafu iżjed lil Ġesù minn dak li qal. Naraw x'effett ħalla kliemu f'dawk li semgħuh; u fina, li qed nisimgħuh illum. Ġesù ippreżentat bħala għalliem tajjeb li jaf iwassal messaġġ. | Paġni 83-104 |
| Unit 6: | Inkomplu nqallbu l-paġni tal-Vanġelju u nħarsu lejn Ġesù minn dak li għamel. Il-veru skop tal-mirakli li kien jagħmel Ġesù. Fl-istess waqt naraw il-preżenza tiegħu fostna illum. | Paġni 105-128 |
| Unit 7: | Min aċċetta 'l Ġesù, u min ħadem biex iwarrbu. Għalfejn Ġesù għadda mit-tbatija? Kif ġab ruħu f'dan il-mument importanti ta' ħajtu. L-imħabba ta' Kristu tkompli tidher illum fl-Istorja tal-Knisja. | Paġni 129-156 |

## IT-TIELET TERM

| | | |
|---|---|---|
| Unit 8: | Il-ġrajja tal-Għid il-Kbir bħala l-qofol tal-fidi li nistqarru. L-iskop u l-importanza tal-Jum tal-Ħadd. | Paġni 157-175 |
| Unit 9: | Ġesù li għadu u jibqa' ħaj. Liema huma l-modi prinċipali li bihom niltaqgħu ma' Ġesù fil-ħajja tagħna. X'għandu jkun is-sehem tiegħi biex Ġesù jibqa' preżenti fid-dinja. Issir reviżjoni ta' dak li sar matul is-sena skolastika. | Paġni 176-187 |

**Nota:**

a. Ix-xogħol u n-Noti li jingħataw matul is-sena jinkitbu fi *Project Book* li jinbena - mhux f'daqqa – iżda tul is-sena kollha.

b. Jintwerew *videos/dvds* biex l-istudenti jaraw u jifhmu aħjar it-tagħlim li jingħata mill-ktieb *Lejn il-Ħajja-1*.

**Skema ta' assessjar:**

| **Meta:** | **Għaxiex** | **Marki** |
|---|---|---|
| Assessjar | Imġiba | 10 |
| | Xogħol Skolatisku | 50 |
| Assessment ta' Nofs is-Sena | Imġiba | 10 |
| | Xogħol Skolatisku | 50 |
| Eżamijiet ta' Nofs is-Sena | Eżami | 100 |
| Assessment tal-Aħħar tas-Sena | Imġiba | 10 |
| | Xogħol Skolatisku | 50 |
| Eżamijiet tal-Aħħar tas-Sena | Eżami | 100 |